**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURIDIZZJONI ĠENERALI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2019 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' AA illi ppremetta:**

1. Il-partijiet iżżewġu nhar is-6 ta' Lulju, 2013 u mil-liema żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal;

2. Il-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-esponenti u minħabba li l-ħajja flimkien ma għadhiex possibbli għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;

3. Bejn il-kontendenti hemm ir-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-esponenti għamel diversi tentattivi sabiex tintlaħaq separazzjoni konsenswali iżda l-konvenuta uriet ruħha intransiġenti u motivata biss minn rgħiba għal flus mingħajr ġustifikazzjoni u għalhekk l-esponenti ma għandux triq oħra ħlief illi jipproċedi b'dina l-istanza wara illi huwa kien awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Ottubru, 2019.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-esponenti u minħabba li l-ħajja flimkien ma għadhiex possibbli għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in toto jew in parte;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha parafernali u dotali tiegħu kif ukoll tirrifondilu jew issalda kull kreditu lilu spettanti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta illi hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' BB illi eċċepiet:**

1. Illi hemm qbil dwar li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali, iżda l-esponenti tikkontesta bil-qawwa kollha l-ħtija għal dan billi l-kaġun li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment kien għal raġunijiet imputabbli unikament lill-attur fosthom adulterju, inġurji u sevizzi gravi fil-konfront tagħha, u dan kif ser jiġi ppruvat ankè b'dokumenti fil-kors tal-kawża;

2. L-esponenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom għandha tiġi xjolta u l-beni kollha formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti li l-konsistenza ta' dak kollu li tikkomprendi l-istess komunjoni għad irid jiġi stabbilit u likwidat minħabba flejjes kbar li l-attur ħeba minn martu u qatt ma ta' sodisfazzjon x'kien qed jagħmel bihom, u li l-istess assi jiġu diviżi u assenjati lill-partijiet f'sehem indaqs bejniethom, pero' is-sanzjonijiet għandhom ikunu applikati biss u unikament fil-konfront tal-attur billi qatt ma qies u ittrattat lill-esponenti tà martu, u għaldaqstant it-tieni u r-rabà talbiet għandhom jiġu miċħuda;

3. L-esponenti m'għandha ebda beni parafernali tal-attur, anzi huwa l-attur li għandu fil-pussess tiegħu l-beni parafernali u dotali tal-esponenti li qed jirrifjuta li jgħaddihomlha lura.

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż inklużi tal-atti ta' Medjazzjoni, kontra l-attur.

**Rat il-kontrotalba ta' BB illi eċċepiet:**

Il-konvenuta trid tinqeda b'din ir-risposta ġuramentata u qegħdha tressaq il-kontro-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi billi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ċelebrat fis-6 ta' Lulju 2013, tkisser irrimedjabbilment u dan għal bosta raġunijiet fil-liġi imputabbli lill-attur, li rrendew il-konvivenza ta' bejn il-partijiet waħda impossibbli ewlenija

fosthom hemm l-adulterju, inġurji u sevizzi gravi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta;

Illi l-esponenti għadha tgħix fid-dar matrimonjali magħrufa bl-isem tà 'Suenos', Triq Salvu Gambin, Għasri, Għawdex minkejja kull xkiel li qed jagħmel l-attur, u t-tnissil tà biżà li qed joħloq l-attur fil-konvenuta li tibqà tgħix fid-dar biex jaqtagħlha qalbha u jġiegħelha toħroġ mid-dar matrimonjali u m'għandhiex fejn tmur tgħix;

Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzata biex tipproċedi b'dawn il-proċeduri;

Jgħid għaldaqstant l-attur il-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli biss lill-attur rikonvenzjonat u minħabba fih li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-konvenuta tibqa' tghix fid-dar matrimonjali magħrufa bl-isem tà 'Suenos', Triq Salvu Gambin, Għasri, Għawdex, b'mod esklussiv ai termini tal-Artikolu 55A(1)(a) tal-Kap.16, u konsegwentement tikkundanna lill-attur joħroġ b'mod definittiv mid-dar matrimonjali;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirritorna lill-konvenuta martu l-oġġetti parafernali u dotali kollha tagħha li jirriżulta li għadhom fil-pussess tiegħu;

4. Tapplika kontra l-attur rikonvenjzonat id-dispożizzjonijiet u s-sanzjonijet kontemplati fl-artikolu 48, 51, 53, 54 u 55A tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti għal kunjom xbubitha 'Galea'.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra ta' Medjazzjoni kontra l-attur rikonvenzjonat.

Bl-inġunzjoni tal-attur rikonvenzjonat għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab debitament imħarrek.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' AA għall-kontrotalba ppreżentata mill-konvenuta illi eċċepixxa:**

**Tweġiba preliminari**

1. Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxi n-nullità tal-kontro-talba ppreżentata mill-konvenuta ai termini ta' l-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi mhijiex konformi ma' dak illi jiddisponu l-artikoli 398 u 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tweġibiet fil-mertu**

2. Dwar l-ewwel talba: Hemm qbil illi għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda filwaqt illi l-esponenti jikkontesta bil-qawwa kollha l-addebiti magħmula mill-konvenuta fil-konfront tiegħu, jgħid illi l-kaġun u l-ħtija tas-separazzjoni huma unikament u esklussivament attribwibbli lill-konvenuta;

3. Dwar it-tieni talba: Din it-talba hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u hija frivola, vessatorja u magħmula *in mala fede* u għandha tiġi miċħuda billi, fost affarijiet oħra, ma jeżistu l-ebda ċirkostanzi illi jiġġustifikaw tali talba b'mod partikolari iżda mhux biss għaliex id-dar imsemmija hija parafernali ta' l-esponenti, il-kontendenti ma għandhomx tfal u il-konvenuta taħdem bi qliegħ. Kwindi żgur ma hemmx lok illi l-konvenuta tibqa' tabita hemmhekk wara s-separazzjoni. Din it-talba saret biss għaliex il-konvenuta hija rgħiba u trid testorċi l-flus mingħand l-esponenti kif sejjer jipprova fid-dettall matul it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Dwar it-tielet talba: Hemm qbil illi tiġi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u l-esponenti mhux biss għamel l-istess talba fir-rikors maħluf ippreżentat minnu iżda ġjà ippreżenta rikors sabiex tiġi ordnata l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-esponenti però ma għandu l-ebda oġġetti parafernali u/jew dotali tal-konvenuta fil-pussess tiegħu;

5. Dwar ir-raba' talba: Din it-talba hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda. Is-sanzjonijiet imsemmija fl-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu

applikati fil-konfront tal-konvenuta waħedha. L-artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jikkontempla l-ebda sanzjoni;

6. Dwar il-ħames talba: L-esponenti jaqbel illi l-konvenuta ma tibqax iġġib kunjomu;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta illi hija minn issa stess inġunta in subizzjoni.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-attur ta l-20 ta' Novembru 2019[1] li permezz tiegħu qed jippremetti li l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Lulju, 2013 u ma kellhomx tfal. Jgħid li l-ħajja konjugali tagħhom sfaxxat u huwa ipproċeda b'kawża għas-separazzjoni personali. Ikompli jgħid illi bejn il-kontendenti kien hemm ir-regime tal-kommunjoni ta' l-akkwisti. Il-partijiet it-tnejn jaħdmu u id-dar fejn kienu jgħixu hija parafernali tiegħu.

Isostni illi ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tordna il-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti u għaldaqstant huwa jixtieq jipprevalixxi ruħu minn dan l-artikolu tal-liġi u jitlob ix-xoljiment tal-kommunjoni qabel il-ġudizzju finali.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ta' l-14 ta' Frar, 2020[2] fejn hija toġġezzjona bil-qawwa għat-talba vantata mill-attur. Tgħid li hija ser tbagħti preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda billi hija flimkien ma l-attur għandhom kuntratt ma terzi għal kiri ta' *penthouse*, pero l-attur ghalkemm qed jikri dan il-fond lilha qatt ma taha xejn. Tgħid ukoll li barra minn din il-*penthouse* hija u l-attur joperaw tlett blokkok ta' appartamenti għal kiri. Tgħid li l-attur iqarraq fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u li lilha jipprova jgħaddiha b'mentalment instabbli. Tgħid li l-attur illum għadda n-negozju tal-kiri ta' l-appartamenti fuq missieru. Tgħid illi minħabba l-aġir qarrieq tal-attur din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2022.

[1] A fol 24 tal-process
[2] A fol 88 tal-process

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat;**

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet jinsabu f'kawża ta' separazzjoni. Id-dar matrimonjali, l-attur jgħid illi hija parafernali tiegħu. Il-partijiet ma għandhomx ulied u t-tnejn li huma jaħdmu. Il-konvenuta qed topponi t-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti peress li ssostni li dan ser iwassal għal preġudizzju serju fil-konfront tagħha billi l-attur dejjem ħeba x'kienu qed idaħħlu mill-kirjiet ta' propjeta li huma kienu jikru u hi ma għandhiex informazzjoni rejali dwar l-istat finanzjarju tal-attur.

**Ikkunsidrat**

L-artikolu rilevanti għat-talba in diżamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inċiż 4 tal-artikolu preċitat jipprovdi li qabel tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti , l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża.

Kif diġa ingħad, l-konvenuta qed toġġezzjona għat-talba tal-attur sabiex it-terminazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti isseħħ f'dan l-istadju. Hija tisħaq illi l-attur dejjem ħalliha fid-dlam dwar l-introjtu tiegħu u qatt ma għaddielha sehema mill-kirjiet li kien jkollhom. Tgħid illi id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-attur ma jagħtux stampa veritiera ta' kemm hu d-dħul tiegħu. Issostni li kieku ma kienx għal dawn il-fatti esposti hija kienet tasal taċċetta t-talba tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti il-Qorti hija tal-fehma illi qabel ma tasal sabiex tiddeċiedi jekk tilqax it-talba mressqa quddiemha jenħtieġilha teżamina jekk dak allegat mill-konvenuta jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat kif kontemplat fil-liġi.

Minn qari tar-risposta tal-konvenuta din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi illi l-argumenti u l-fatti esposti mill-konvenuta ma humiex rilevanti għall-finijiet jekk il-Qorti għandhiex tittermina l-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju. Din il-Qorti qed tgħidu dan billi bl-akkoljiment tat-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod ma hi ser tippreġudika lill-konvenuta dwar il-pretensjonijiet tagħha fir-rigward ta' l-assi tal-kommunjoni. Il-konsegwenza tat-terminazzjoni tal-

kommunjoni hija biss li l-konvenuta mhux ser tkun aktar tista' tippretendi li tipparteċipa fid-dħul tal-attur u dana billi kull talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni twassal għal waqfien tal-kommunjoni bil-konsegwenza li dak li jdaħħal parti fiż-żwieġ bil-ħidma lavorativa tiegħu jew tagħha ma jibqax aktar komuni. Irid jingħad ukoll li l-konvenuta fir-risposta tagħha tafferma illi hija qed topponi t-talba ta' l-attur għax dan ma jrid jagħtiha xejn. Infatti fir-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta stess tiddikjara illi taqbel illi l-kommunjoni tal-akkwisti tiġi xolta.

In vista ta dawn il-fatti din il-Qorti ma rriskontratx fatti li *per se* jammontaw għal "preġudizzju mhux proporzjonat" li l-Leġislatur kellu f'moħħu meta ġie promulgat l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16. Irid jingħad ukoll li l-waqfien tal-komunjoni ma jistax jitqies fih innifsu bħala preġudizzju mhux proporzjonat u *dunque* l-Qorti mhux tqis il-waqfien tal-kommunjoni fid-dħul tal-partijiet bħala preġudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-liġi.

Infatti l-Qorti tal-Appell qalet hekk :- "*.........il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."*[3]

Ingħad ukoll illi "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.......t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*[4]

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi ġia espressi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' l-attur ta' l-20 ta' Novembru 2019 u tiddisponi mir-

[3] Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell , deciza fit-30 ta' Ottubru 2015.
[4] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, Qorti ta' l-Appell, deciza fit- 28 ta' Marzu 2014.

risposta tal-konvenuta ta' l-14 ta Frar 2020 billi tiċħad l-oġġezzjonijiet imressqa mill-konvenuta u tilqa' r-rikors u għalhekk:-

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna li din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku a spejjeż ta' l-attur.

Spejjeż jibqghu riservati għall-ġudizzju finali.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur